MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 23/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance plc surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Buttigieg**

**-vs-**

**Anthony Portelli**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istanti s-somma ta' disa' mija u disgha u tmenin lira u sbatax-il centezmu (Lm989.17) danni mgarrba mis-socjeta' attrici wara incident awtomobilistiku li gara fl-10 ta' Settembru 1999 fi Mgarr Road, Xewkija bejn il-vettura JAD 934 misjuqa minn Joseph Buttigieg, assikurata tas-socjeta' attrici u l-vettura DAU 963 misjuqa mill-konvenut. Prevja d-dikjarazzjoni li

hu kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut inkluzi Lm33 ta’ spejjez legali maghmula mill-attur u spejjez ta’ l-ittra ufficjali pprezentata llum stess kontra l-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli l-istess assigurat tas-socjeta’ attrici Joseph Buttigieg.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in linea sussidjarja, l-allegati danni jridu jigu pruvati nkluz tlieta u tletin lira (Lm33) spejjez legali inkorsi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Is-Socjeta’ assikuratrici f’din il-kawza, qeghdha tharrek sabiex tigi rimborsata ta’ spejjez inkorsi fit-tiswija tal-vettura numru ta’ registrazzjoni DAU 963 ta’ l-assikurat taghha, wara kollizzjoni ma’ truck tar-ready mix, liema kollizjoni grat fid-9 ta’ Settembru 1999 ghall-habta tal-4.30pm f’Triq l-Imgarr, Xewkija. M’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghall-kollizjoni fis-sens li l-assikurat tas-socjeta’ attrici kien qieghed jittranzita t-triq fuq imsemmija fl-istess direzzjoni tat-truck misjuq mill-konvenut li kien qieghed isuq quddiemu. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni tal-port.

Illi mill-provi jirrizulta wisq car li l-kollizzjoni sehhet meta t-truck ipponta sabiex jidhol f'triq laterali, ghat-telgha, fuq il-lemin tieghu li tiehu ghaz-zona industrijali tax-Xewkija u s-sewwieq l-iehor ittanta, proprju dak il-hin, jaghmel manuvra ta' surpass.

Illi f'din il-kawza xehdu z-zewg sewwieqa nvoluti, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici li esebixxa survey report u xi ricevuti, u l-Pulizija li nvestigat l-istess kollizzjoni li pprezenta skizz u okkorrenza.

Illi l-verzjoni ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, mistqarra fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, hi li: "…. Xi minuta qabel gara l-incident, il-karozza, immedjatament wara t-truck, oltrepassat l-istess truck. Jiena daqqejt il-horn tliet darbiet u pruvajt naghmel l-istess izda gara li t-truck kiser fuq il-lemin minghajr ma ghamel l-ebda sinjal ta' xejn". Aktar 'il quddiem fl-istess xhieda spjega li biex joltrepassa t-truck kellu jmur fuq il-karreggjata opposta, u kompla billi qal, li fil-parti fejn sehhet il-kollizjoni l-karreggjata li kien qieghed jittransita rrivertit f'wahda ghalkemm "daqsxejn wiesgha" li hi maqsuma mill-karreggjata opposta b'linji kontinwi bojod.

Illi l-versjoni tal-konvenut, kontenuta kemm fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti u l-affidavit, li sostanzjalment jirrispekkjaw lil xulxin, hi: li t-truck kien mghobbi bil-konkos; li kif kien qieghed isuq osserva li warajh kien hemm zewg vetturi, wahda "pick up" van u l-ohra truck zghir; li hu hares fil-mera billi ried jikser u osserva l-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici li kien qieghed isuq wara z-zewg imsemmija vetturi u tissorpasshom; li kien hemm vettura li kienet qabzitu qabel ma' l-assikurat tas-socjeta' attrici gie warajh; li anke minhabba t-taghbija hu kien qieghed isuq bil-mod; li ghamel sinjal b'idejh biex jindika l-intenzjonijiet tieghu.

Illi fl-okkorrenza m'hemm xejn li z-zewg sewwieqa qalu li ma giex indikat hawn fuq. Oltre dan l-iskizz juri li l-vetturi spiccaw fuq il-karreggjata opposta tat-triq u li d-danni kienu evidenti fuq il-faccata tax-xellug il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' kif muri ukoll mir-ritratti esebiti.

Illi fuq l-iskorta ta’ dawn l-konstatazzjonijiet ta’ fatt din il-Qorti hi tal-fehma li r-responsabbilita’ ghall-kollizjoni ghandha taqa’ u ghandu jgorrha kompletament l-assikurat tas-socjeta’ attrici li ttanta l-manuvra ta’ sorpazz azardatament u spropozitament. Anke jekk, kif sostna u ghall-grazzja ta’ l-argument it-truck kellu d-dwal tal-brake ma jahdmux jew anke indikatur ghal dawn in-nuqqasijiet jirrispondi kriminalment, izda ma jnaqsu xejn mill-obbligu primarju ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici li, qabel il-manuvra ta’ surpass jaccerta ruhu li kien jista’ jaghmilha minghajr perikolu u minghajr ma johloq ostakoli ghall-utenti ohra tat-triq.

Ghaldaqstant u ghall-motivi fuq spjegati tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D.Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------